MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 756/2014

**Carmel Vella (ID 317254M)**

**vs**

**Raymond Agius (ID 116054M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-1 ta' Settembru, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi l-intimat hu debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' tnejn u hamsin elf, seba' mija tmienja u ghoxrin Ewro, (€52,728.00), bilanc minn somma akbar moghtija f'self lill-intimat *ai termini* ta' skrittura datata s-26 t'April, 2012, oltre l-imghax bis-sitta fil-mija, (6%), skond l-istess ftehim, (ara foll 5);

1.2. Illi l-ammont fuq indikat jikkonsisti f'self *brevi manu*;

1.3. Illi nonostante li interpellat anke permezz t'ittra ufficjali datata t-12 ta' Gunju, 2014, u nonostante diversi weghdiet ta' pagament, l-intimat baqa' inadempjenti;

1.4. Illi l-ammont in dizamina hu cert, likwidu u dovut u l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq ghat-talbiet tar-rikorrenti, u allura jezistu l-presupposti kollha biex *a tenur* ta' l-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kaz odjern jigi deciz bid-dispensa tas-smiegh, (ara wkoll foll 7);

1.5. Illi in vista tal-premess jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tipprocedi ghas-sentenza *a tenur* tal-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq riferit bid-dispensa tas-smigh;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tnejn u hamsin elf, seba' mija tmienja

u ghoxrin Ewro (€52,728.00), bilanc misluf *brevi manu* kif fuq indikat;

1.5.3. Bl-ispejjez kollha inkluz bl-imghax legali skond il-ligi kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Tirrileva li l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz relattiv ghas-smigh fid-29 ta' Settembru, 2014, izda baqa' kontumaci;

3. Semghet lix-xhud prodott li kkonferma l-ezattezza tat-talbiet tar-rikorrenti u li ghadhom dovuti mill-intimat lir-rikorrenti;

4. Rat il-verbal datat l-10 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu ikkonstatat li l-perjodu moghti lill-intimat *ai termini* tal-artiklu 170 tal-Kap 12 fuq riferit, l-istess intimat baqa' inadempjenti;

Ikkunsidrat:

5.0. Illi in vista tal-premess, tqis li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi, u konsegwentement:

5.1. Ipprocediet ghas-sentenza a bazi tal-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq riferit bid-dispensa tas-smigh;

5.2. Tikkundanna lill-intimat Raymond Agius biex ihallas lir-rikorrenti Carmel Vella s-somma ta' tnejn u hamsin elf, seba' mija tmienja u ghoxrin Ewro (€52,728.00), bilanc lilu dovut minn somma akbar mislufa *brevi manu*;

5.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimat Raymond Agius.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------